# Beati u Qaddisin...Novembru

## SAN GUIDO MARIA CONFORTI

## 5 TA' NOVEMBRU




Kien bniedem ta' rieda ta' l-azzar u deciz li jxandar il-vangelu ta' Kristu, imma mhux daqshekk kienet sahhtu.

Twieled fit-30 ta' Marzu 1865 gewwa Casalora di Ravadese. Kien it-tmien tifel minn wild ta' ghaxra ta' Rinaldo u Antonia Adorni. Ha l-edukazzjoni tieghu fi skejjel kattolici, u rnexxilu jidhol fis-seminarju ta' Parma wara li missieru ceda' ta' talba ta' ibnu, billi ghal ewwel wera' resistenza ghal ghazla tat-tifel tieghu. Huwa kien dejjem jishaq li s-sejha tieghu ghas-sacerdozju jafha lil Kristu Kurcifiss li kien hemm wieqaf fi triqtu lejn l-iskola. Kien jieqaf kuljum ihares lejh u bhal donnu kien jisthajjel li Kristu jghidlu bosta hwejjeg.

Meta kellu 17 il-sena dehru fuqu l-ewwel sintomi tal-marda li setghet ixxejjinlu i-holma tas-sacerdozju imma r-rettur Mons Andrea

Ferrari, il-futur arcisqof ta' Milan ghamillu l-qalb u mexxih sa ma rvcieva l-Ordni Sagri. Gie ordnat sacerdot fit-22 ta' Settembru 1888 fis-Santwarju ta' Fontanellato (Parma). Wara l-Ordinazzjoni tieghu, Don Gwido rega' mar lura lejn is-seminarju biex jaqdi d-dmir tieghu ta' vici rettur li Mons Farrari fdalu f'idejh sa minn mindu kien kjeriku. Dan ix-xoghol kien jaqdih bl-akar attenzjoni, dedika u skrupolosita'. Meta kellu 28 sena gie maghzul vigarju generali tad-djocesi ta' Parma.

Meta kien is-seminarju Conforti qara' il-hajja ta' San Frangisk Saverju u baqa' imppresjonat bl-ispirtu evangeliku tieghu u l-hidma tieghu missjunarja. Xtaqt jimxi fuq l-ispirtu missjunarju tal-qaddis izda l-marda impeditu billi ebda istitut missjunarju ma ried jaccettah.

Allura huwa waqqaf istitut li semmih l-istitut ghall-missjoni estera li wara tlett snin gie rikonoxxut bhala kongregazzjoni ta' San Frangisk Saverju ghall-missjoni estera.

Fil-bidu kellu ftit zaghzagh li wiegbu ghas-sejha ta' missjunarji u sacerdot wiehed biex jghinu, imma ma damx wisq biex jipprezenta is-salib lil l-ewwel zewg missjunarji saverjani kif kienu maghrufa, halli jmorru jghallmu l-vangelu fic-Cina. Sab ruhu f'sitwazzjoni delikata ghaliex filwaqt li kien vigarju generali tad-djocesi ta' Parma kien qed ihejji sacerdoti biex jibghathom fil-missjoni flok izzommhom tal-post u jutilizzhom hemm. Stinka u thabat biex jikkonvinci lil hutu sacerdoti li il-knisja fin-natura taghha kienet wahda missjunarja u mhux biex tkun maghluqa ghal-lokal biss.

Fis-sena 1902 meta kellu 36 sena gie nominat arcisqof ta' Ravenna, imma dam sena, minhabba li l-marda hakmitu aktar 'l gewwa. Sadanitant wiehed mill-missjunarji tieghu miet fic-Cina u l-iehor irritorna gewwa l-Italja. F'dan iz-zmien Conforti ma tghazzinx izda ddedika ruhu ghall-formazzjoni taz-zaghzagh.

Papa Piju X innominah isqof koadjatur ta' Parma u fis-sena 1907 successur tieghu. Huwa kellu jmexxi d-djocesi ta' Parma ghal kwazi 25 sena, dejjem attiv: laqqa' zewg sinodi, zar hames darbiet kull wahda mit-300 parrocca bil-ghan ewlieni, it-taghlim tal-katekizmu. Xerred kemm felah l-Azzjoni Kattolika, l-aktar fost iz-zaghzagh. Intant il-missjunarji tieghu rritornaw gewwa c-Cina u wiehed minnhom, padre Luigi Calza giet nomminat isqof ta' ChengChow.  Kien l-istess Conforti li ikkonsagrah isqof gewwa il-Katidral ta' Parma. Flimkien ma don Giuseppe Allamano, fundatur gewwa Tunin tal-Missjunarji tal-Konsolata, ghamel appell lill-Papa biex titwaqqaf il-gurnata missjunarja.  Il-Papa Piju XI fis-sena 1926 mexa' fuq l-ghajta taghhom u waqqaf il-Jum Missjunarju.

Zewg dati mportanti hafna ghal Conforti kienu s-sena 1921 meta l-papa approva l-Kostutizzjoni ta' l-Istitut Saverjan li jirregola il-hajja komunitarja, u s-sena 1928 meta ghamel zjara fic-Cina biex jati kuragg lill-missjunarji ghall-hidma taghhom.

Meta gie lura mic-Cina, rega' kompla bil-hidma tieghu fid-djocesi, imma sahhtu ma kienitx tippermettilu hekk li fil-5 ta' Novembru miet ikkonfortat mis-sagramenti.

Fis-sena 1995 il-Papa Giovanni Pawlu II pproklamah beatu filwaqt li fis-sena 2011 Papa Benedittu XVI ghamlu qaddis.